MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 544/2014

**A B**

***vs***

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewwgu fit-tlettax ta’ Novembru tas-sena elf disa’ mija, tlieta u tmenin (13.11.1983) u dan kif jirrizulta minn kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg kellhom zewgt (2) itfal u cioe’ J li twieldet fil-hdax ta’ Dicembru, tas-sena elf disa’ mija erbgha u tmenin (11.12.1984) u M li twieled fis-sebgha ta’ Dicembru tas-sena elf disa’ mija tmienja u tmenin (07.12.1988) u dunque t-tnejn maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Dutar Dottor Marilena Cristina sa mill-erbatax ta’ Novembru tas-sena elfejn u erbatax (14.11.2014) u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta’ seperazzjoni hawn anness u mmarkat bhala Dok B;

Illi l-kontendenti ilhom ghal aktar minn erba’ (4) snin de facto separati u kull parti kienet u ghadha ssegwi hajja totalment separata u indipendenti minn xulxin u percio’ fic-cirkostanzi prevalenti m’hemm l-ebda prospett reagonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi l-partijiet irrinunzjaw reciprokament mid-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin u dan a tenut ta’ klawsola  numru disgha (9) tal-kuntratt de quo;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fit-terminu moghti minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Jannar, 2015;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' Novembru 2014, izda ilhom ghal aktar minn erba snin de facto separati minn ma xulxin;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-

Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------